MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 486/2003

**Avviz numru 486/2003DM**

**The Catalogue Company Limited**

**Vs**

**Aden Import and Export Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1810.73 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta, bl-imghax legali mit-3 ta' Marzu 2003 u bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-mandati kawtelatorji, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tas-socjeta attrici li permezz taghha cediet is-sorte u zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Billi s-socjeta konvenuta lanqas ma dehret biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni, il-Qorti ssib illi t-talba attrici ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjes tal-kawza filwaqt li tastjeni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri tal-mertu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------